MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Rikors Numru. 111/2007/1

Francis u Rita konjugi Saliba

Vs

Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex u b'digriet moghti fit-2 ta' Marzu 2009 ordnat li jigi msejjah Joseph Xuereb u l-avukat Dr Mario Scerri.

Il-Qorti;

Permezz ta' rikors prezentat fit-23 ta' Jannar 2009 ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex tordna ritassa ai termini ta' l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 in kwantu jsostnu li t-taxxa mahruga mill-intimata wara s-sentenza moghtija fil-25 ta' Novembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Francis Saliba et vs Joseph Xuereb** (Rikors numru: 111/2007) ma saritx skond il-ligi in kwantu d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali kellu jinhadem a bazi ta' punt ta' ligi (Artikolu 15(a)

tat-Tariffa E tal-Kap. 12) u d-dritt tar-registru kellu jigi kalkolat skond paragrafu 4(2) tat-Tariffa A tal-Kap. 12.

Ir-rikors gie notifikat lill-intimata, l-avukati fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija u lil Joseph Xuereb li kien konvenut.

L-intimata wiegbet[1]:-

1. In-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* tal-qorti peress li l-quantum tat-taxxa jezorbita l-kompetenza tal-qorti.
2. Fil-meritu t-taxxa gie kalkolata b'mod korrett in kwantu kellha tinhadem *ad valorem*.

Min-naha ta' l-intimati Joseph Xuereb u l-avukat Dr Mario Scerri wiegbu li[2]:-
1. Il-qorti m'hijiex kompetenti *ratione materiae* in kwantu t-taxxa li qeghda tigi kontestata ma teccedix fil-valur is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sebgha u erbghin euro (€11,647).
2. Fil-meritu d-dritt tar-registru u ta' l-avukat kellu jigi kalkolat *ad valorem*.

Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet u regghet rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Francis Saliba et vs Joseph Xuereb** deciza fil-25 ta' Novembru 2008, tqies is-segwenti:-

1. Fir-rigward ta' l-eccezzjoni dwar kompetenza, hu evidenti li l-intimati qeghdin jaghmlu riferenza ghal kompetenza *ratione valoris*. Jibda biex jinghad li r-rikors li pprezentaw ir-rikorrenti fl-20 ta' Marzu 2009 sabiex il-qorti tordna, skond l-Artikolu 175 tal-Kap. 12, korrezzjoni fis-sens li l-kliem Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali jigu sostitwiti bil-kliem Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri, ma jistax jigi milqugh. M'hemmx dubju li l-att gie prezentat fil-qorti superjuri. Skond l-Artikolu 174(1) tal-Kap. 12:

[1] Risposta prezentata fil-11 ta' Marzu 2009 (fol. 17).
[2] Risposta prezentata fid-9 ta' Marzu 2009.

*"(1) Kull skrittura ghandu jkun fiha –*
*(a) l-isem tal-qorti u tas-sezzjoni taghha li fiha tigi pprezentata l-iskrittura, u, fil-kaz tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), l-indikazzjoni tal-kompetenza tal-qorti*.".

M'ghandux ikun li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 qorti superjuri tibdel l-isem tal-qorti fit-talba gudizzjarja biex jigi jaqra qorti inferjuri. Korrezzjoni simili tkun tfisser li l-qorti superjuri li quddiemha tkun giet prezentata t-talba gudizzjarja ma tibqax kompetenti, ghalkemm il-kaz ikun xorta ghadu pendenti quddiem il-qorti superjuri bid-differenza li l-att ikun jaqra Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri. Dan ifisser li anke jekk kellha tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-korrezzjoni f'isem tal-qorti, il-kaz xorta jkun ghadu quddiem il-qorti superjuri b'talba gudizzjarja bl-isem ta' qorti inferjuri. Ghaldaqstant, ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fl-20 ta' Marzu 2009 qieghed jigi michud.

Skond l-Artikolu 47 tal-Kap. 12:

**47.** (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti ta' l-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.

M'hemmx dubju li taxxa li tinhareg mir-Registratur hi att tieghu u mhux tal-qorti li ddecidiet il-kawza (ara per ezempju **Emmanuel Buttigieg proprio et vs Anthony Cauchi proprio et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Lulju 2004). Tant hu hekk li l-ligi stess tipprovdi li *"l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti......"* (Artikolu 64 tal-Kap. 12). Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Lewis Borg vs Avukat Dr Giuseppe V. Salamone**, fil-kaz ta' taxxa, *"....lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi ghat-taxxi maghmula mir-Registratur, meta tigi mpunjata l-attendibilita' jew il-korrettezza taghhom minn min ikollu nteress."* (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 23 ta' Frar 1960). Ghalhekk ghalkemm kawza tkun giet deciza minn qorti

superjuri, b'daqshekk ma jfissirx li l-procedura ta' ritassa trid bilfors tinstema' u tigi deciza minn dik il-qorti. Dan minkejja li fir-realta' hu certament iktar desiderabbli li procedura ta' ritassa ssir quddiem l-istess qorti presjeduta mill-istess gudikant li jkun ippronunzja s-sentenza.

Hu evidenti li t-talba tar-rikorrenti m'ghandix valur incert jew indeterminat in kwantu t-taxxa mahruga mir-Registratur hi intrinsikament marbuta ma' valur li r-rikorrenti jippretendu li m'huwiex korrett u qeghdin jitolbu li jigi rivedut. Valur li jirrizulta mit-taxxa mahruga mir-Registratur u li wara kollox hu t-titolu li jaghti lok ghal dan il-procediment (Artikolu 748(b) tal-Kap. 12), u liema valur jista' jigi rivedut fi procediment ta' ritassa. Ir-rikorrenti jippretendu li t-taxxa mahduma mill-intimata hi zbaljata in kwantu d-dritt tar-registru u ta' l-avukati hu eccessiv, u ghalhekk iridu li ssir mill-gdid. Il-valur komplessiv tat-taxxa hu ta' €11,409.58 (€6,866.96 + €4,542.62). Valur li ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-qorti.

Il-qorti lanqas ma tista' targumenta li t-taxxa nharget mir-Registru tal-Qrati Superjuri u ghalhekk ir-rikors seta' jsir quddiem qorti superjuri. Skond l-Avviz Legali 139 ta' l-2004 kif sussegwentement emendat, jezisti biss registru wiehed ghal Malta imsejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta u iehor ghal Ghawdex imsejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex u li hu kompetenti li jircievi atti gudizzjarji, atti bil-miktub u dokumenti ohra. Registru li espressament iservi ghall-qrati superjuri u inferjuri. Mir-ricerka li ghamel il-Magistrat sedenti jirrizulta li qabel l-emendi li saru bl-Ordinanza VI ta' 1880, kull qorti (inkluz dawk superjuri) kellha registru taghha. Sussegwentement, l-Artikolu 36 kif emendata bl-imsemmija Ordinanza gie jaqra:

*"Le Corti Superiori hanno un registro comune a tutte. Le Inferiori hanno ciascuna il suo particolare registro."*, Provvediment li thassar.

Jidher li qabel l-emendi li saru bl-Ordinanza VI ta' l-1880 il-prassi kienet li l-procedura ta' ritassa kienet issir quddiem il-qorti li mir-registru taghha tkun harget it-taxxa.

F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza **Balbi vs De Domenico** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fit-3 ta' Gunju 1898[3] fejn gie dikjarat li procedura ta' ritassa ma kenitx ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc in kwatu tali procediment kien jittratta dwar kawza li giet deciza mill-qorti, li procedura ta' ritassa m'hijiex ta' natura kummercjali, u lanqas mhi att ta' kummerc ghall-kontendenti. Il-qorti osservat:

*"Considerando che prima della promulgazione dell'Ordinanza No. VII del 1880, con cui veniva emendat l'Art. 36 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, la pratica che fin'allora era invalsa di impugnare le tasse, fatte dal Registratore, dei diritti nelle cause decise dalle Corti Superiori, innanzi la Corte che avesse deciso il giudizio cui quei diritti riguardassero, era qualificata dal fatto che a ciascuna delle Corti Superiori era preposto un Registratore. Siffatta ragione, pero', piu non esiste dacche' per l'Art 2. della detta Ordinanza, emendante il suddetto Art. 36, i quattro registri delle Corti Superiori sono stati riuniti in un registro comune a tutte quelle Corti, sotto la direzione e responsabilita' di un solo Registratore."*.

Insenjament li certament ma jistax japplika llum il-gurnata fejn ghandek registru wiehed u Registratur, Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex wiehed.

2. Madankollu, anke fil-meritu jirrizulta li r-rikorrenti m'ghandhomx ragun in kwantu:-

a. Il-kawza **Francis Saliba et vs Joseph Xuereb** (Rikors numru: 111/2007AE) kienet tittratta talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' servigi li l-atturi kienu qeghdin jippretendu li taw lill-mejjet Emanuel Xuereb.

b. Il-qorti m'ghandix dubju li minhabba n-natura tat-talbiet ta' l-atturi, il-kawza kienet taxxabbli *ad valorem* (ara f'dan il-kuntest sentenza **Avv. Dr Giuseppe Pace et**

[3] Vol. XVI.i.82.

**vs Avv. Dr Giuseppe Vella nomine et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 1948 – Vol. XXXIII.ii.311 li wkoll kienu proceduri ta' ritassa ta' kawza li kienet titratta talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' servigi).

c. Skond in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata mill-atturi fit-22 ta' Awwissu 2008 kienu qeghdin jippretendu hlas ta' €301,928 (fol. 180). Il-gurisprudenza tidher li hi kostanti, fis-sens li l-valur m'hemmx ghalfejn jirrizulta mill-att promotur. Mill-istess nota jirrizulta li r-rikorrenti kienu qeghdin jippretendu hlas ghall-perjodu ta' erbgha u erbghin (44) sena.

d. Ghalkemm hu minnu li ghall-perjodu ta' qabel is-7 ta' Settembru 2002 il-qorti ddikjarat li l-jedd ta' l-azzjoni ta' l-atturi kien preskritt skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, madankollu fit-tariffi tar-registru (Tariffa A) u ta' l-avukati (Tariffa E) m'hemmx paragrafu li f'kaz li qorti tilqa' eccezzjoni ta' preskrizzjoni, allura kawza ma tibqax taxxabbli *ad valorem*. Mhux l-istess per ezempju jigri fil-kaz ta' liberazzjoni mill-osservanza ta' gudizzju fejn ikun giet trattat biss punt ta' ligi, u ghalkemm it-taxxa ssir *ad valorem* id-dritt jonqos bin-nofs. Madankollu fil-fehma tal-qorti d-decizjoni tal-25 ta' Novembru 2008 ma tikkwalifikax bhala tali. Ghalkemm m'hemmx dubju li hemm lok ta' revizjoni fit-tariffi ghal kazijiet fejn qorti tkun laqghet eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva, il-qorti m'ghandix triq ohra ghajr li tapplika t-tariffa kif inhi llum.

e. L-ilment tar-rikorrenti hu li:

i. **Id-dritt tar-registru kellu jigi ntaxxat skond paragrafu 4(2) ta' Tariffa A**. Dan il-paragrafu japplika biss fejn il-valur tat-talba ma jkunx cert jew likwidu, u ma jistghux jigu ntaxxati d-drittijiet skond paragrafu 3. Fil-kaz taghna ma kien hemm xejn milli jzomm lir-Registratur tal-Qrati li jintaxxa skond paragrafu 3(1) mal-prezentata tar-rikors guramentat. Fir-realta' f'dan il-kaz l-intimata mal-prezentata tal-kawza fl-ismijiet **Francis Saliba et vs Joseph Xuereb** (Rikors 111/2007) messha geghlet lir-rikorrenti jaghmlu d-dikjarazzjoni guramentata tal-valur, kontemplata f'paragrafu 4(f) ta'

Tariffa A; *"dikjarazzjoni mahlufa li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista' jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu u l-valur li ghandu jigi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur."*. Minflok ir-registratur ghazlet li mal-prezentata tal-kawza, tintaxxa fuq il-minimu (€582.34). Prassi li sfortunatament qeghda ta' sikwit tigi addottata mill-intimata wkoll f'kazijiet fejn mad-daqqa ta' ghajn tar-rikors guramentat ikun evidenti li l-kawza tkun taxxabbli *ad valorem,* u ghalhekk skond paragrafu 4(f) l-attur ghandu jigi mgieghel jipprezenta kontestwalment dikjarazzjoni mahlufa li turi ammont. Madankollu minkejja n-nuqqas tar-Registratur tal-Qrati meta giet prezentata l-kawza, skond paragrafu 4(3) ta' Tariffa A ir-Registratur ghandu dritt jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza fejn il-qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza jew **il-valur jigi dikjarat jew determinat mill-partijiet**. Fil-fehma tal-qorti l-fatt li fil-kaz taghna d-dikjarazzjoni saret biss mill-atturi (Francis u Rita konjugi Saliba) fil-kors tal-kawza[4] ma jfissirx li b'daqshekk it-taxxa ma kellix tigi kalkolata *ad valorem*. Dan mehud in konsiderazzjoni li hemm qbil min-naha ta' Joseph Xuereb li l-kawza tigi ntaxxata fuq il-valur li ghandu jigi ntaxxat, cjoe' €301,928. Ghalkemm ic-cifra hi gholja, madankollu din giet dikjarata f'nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi u li giet iffirmata mid-difensur taghhom. Fl-ebda stadju tal-procediment ma sar xi argument mir-rikorrenti li l-avukati li ffirmaw in-nota kienu ddikjaraw cifra li qatt ma kienu awtorizzati jiddikjaraw.

ii. **<u>Id-dritt ta' l-avukat kellu jigi ntaxxat skond paragrafu 15(a) ta' Tariffa E</u>**. Il-qorti ma taqbilx. Il-paragrafu rilevanti hu 14 li jipprovdi: *"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew **mill-process**, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."*. Jidher li l-fatt li ma tkunx inghatat sentenza fuq id-dikjarazzjoni ma jbiddel xejn. Il-kelma "dikjarazzjoni" qeghda tirreferi ghat-talba li tkun saret fir-rikors guramentat jew talba rikonvenzjonali. Jidher li t-tassazzjoni tigi regolata mit-talba. Il-fatt li skond dan il-

[4] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-22 ta' Awwissu 2008.

paragrafu l-valur jista' jkun determinabbli mill-process, tirrifletti dak li qabel kienet tipprovdi ghaliha il-gurisprudenza fis-sens *"....meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cjoe' ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process."* (**Carmelo Axiak vs Avukat Dr Giuseppe Vella et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Frar 1951 – Vol. XXXV.ii.361)[5]. Fil-kaz in ezami, fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konjugi Saliba kienu ddikjaraw, fil-parti ntestata *"Likwidazzjoni tas-Servigi"* li l-ammont li kellu jithallas bhala servigi kien fis-somma ta' €301,928[6]. Hekk per ezempju fil-kawza **Lawrence Manche vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre et** deciza fl-20 ta' Marzu 1989, il-qorti kkonfermat li l-valur jista' jigi stabbilit mill-massa litigjuza u bbazat il-quantum fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawza.

Ghal dawn il-motivi l-qorti tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimata u l-imsejhin fil-kawza u tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Ara wkoll sentenza fl-ismijiet: **John Falzon nomine vs Dottor Giuseppe Vella et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 1946.

[6] Ara fol. 180 tal-process **Francis Saliba et vs Joseph Xuereb** (Rikors 111/2007AE).